**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 9/16VG**

**Jason Navarro**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Illum 24 ta' April 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Jason Navarro fid-9 ta' Frar 2016 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) jannulla d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 11 ta' Jannar 2016 in forza ta' liema l-applikazzjoni tieghu ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat giet rifjutata; u (ii) jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex johrog a favur tieghu l-imsemmija licenza u dan a tenur ta' l-Artikolu 11(3) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra d-dokument, ossia d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 11 ta' Jannar 2016, annessa mar-Rikors promotur markata Dok. "A" a fol. 3 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tieghu datata 11 ta' Jannar 2016 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) it-talbiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi kuntrarjament ghal dak minnu pretiz, kien hemm ragunijiet validi u b'sahhithom bizzejjed biex jiggustifikaw id-decizjoni li ma tiggeddidx a favur ir-Rikorrent il-licenza ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a)(i) u (b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) ir-Rikorrent kien instab hati li kkorrompa persuna taht l-età, liema reat huwa kkunsidrat bhala reat ta' natura gravi a tenur ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghti lill-Kummissarju tal-Pulizija l-ebda diskrezzjoni izda jimponi fuqu obbligu li jirrifjuta l-hrug jew it-tigdid ta' licenza jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taht is-subartikoli (i) sa' (vi) ta' l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta; (iv) fid-dawl tan-natura tar-reat imwettaq mir-Rikorrent u li tieghu nstab hati, ma huwiex fl-interess pubbliku li tinhareg a favur tieghu licenza bhala Gwardjan Privat in kwantu r-Rikorrent ma

huwiex persuna idoneja ghal tali kariga partikolarment billi wara li tinhareg il-licenza il-Kummissarju ma ghandu l-ebda kontroll fejn se jintbaghat jahdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet isib ruhu; (v) f'dan l-istadju huwa ghal kollox irrelevanti jekk ir-Rikorrent jaqbilx o meno mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew dik moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Li huwa relevanti huwa li nonostante li kien hemm temperament fil-piena, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali xorta sabitu hati tar-reat; (vi) b'referenza ghat-tieni talba tar-Rikorrent, it-Tribunal ma jistax igedded jew jaghti l-licenza ta' Gwardjan Privat peress illi l-kompetenza tieghu hija purament wahda ta' revizjoni ta' decizjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter decizjonali li ghandhom l-awtoritajiet pubblici;

Ra l-affidavits u dokumenti annessi maghhom esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota pprezentata fl-14 ta' April 2016 a fol. 21 sa' 62 tal-process, sema' x-xhieda ta' Anita Cassar Inguanez moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2016[1] u x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Gunju 2016[2], sema' x-xhieda ta' l-Ispettur Jeanne Farrugia moghtija waqt is-seduti tas-16 ta' Gunju 2016[3] u tat-28 ta' Lulju 2016[4] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "JF1" u Dok. "JF2" a fol. 71 sa' 80 tal-process u a fol. 97 sa' 107 tal-process, sema' x-xhieda ta' Josephine Bugeja[5] u Carina Azzopardi[6] moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Lulju 2016;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent ipprezentata fil-11 ta' Ottubru 2016 a fol. 117 sa' 120 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fil-5 ta' Dicembru 2016 a fol. 122 sa' 137 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu b'ittra datata 11 ta' Jannar 2016[7] in forza ta' liema t-talba tieghu ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat giet michuda ai termini ta' l-Artikolu 10(a)(i) u (b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-Rikorrent jitlob li l-imsemmija decizjoni tigi mhassra u minflok it-Tribunal jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija johrog a favur tieghu licenza ta' Gwardjan Privat in bazi ghas-segwenti aggravji: (i) fl-ewwel lok, huwa qatt ma qabel mad-decizjoni moghtija fil-konfront tieghu f'Sede Kriminali u fil-fatt kien anke appella mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'rizultat ta' liema appell kien hemm temperament fil-piena imposta fuqu; (ii) il-principju ta'

[1] Fol. 67 sa' 69 tal-process.
[2] Fol. 81 sa' 84 tal-process.
[3] Fol. 86 sa' 89 tal-process.
[4] Fol. 108 tal-process.
[5] Fol. 109 sa' 112 tal-process.
[6] Fol. 113 sa' 115 tal-process.
[7] Dok. "A" a fol. 3 tal-process.

l-interess pubbliku ma ghandux jintuza biex kull min jinstab hati fil-passat, jibqa' ttimbrat b'tali mod li ma jkollux opportunità ohra biex juri li hu cittadin denju tas-socjetà; (iii) huwa qatt ma rega' xellef diffru mal-Gustizzja u llum il-gurnata ghandu x-xewqa li jahdem ta' Gwardjan Privat anke ghaliex ghal ragunijiet ta' sahha huwa limitat fix-xoghlijiet li jista' jaghmel; (iv) is-socjetà ghandha tinkoragixxi nies bhalu li ghal darba biss inghataw sentenza u skontawha, filwaqt li qatt ma regghu xellfu difirhom mal-Gustizzja u mhux tikkundannahom ghal ghomorhom bhala nies li l-istess socjetà ma tistax tafda.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tieghu tal-11 ta' Jannar 2016 u jitlob li l-istess jigi michud stante li: (i) it-talbiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi kuntrarjament ghal dak minnu pretiz, kien hemm ragunijiet validi u b'sahhithom bizzejjed biex jiggustifikaw id-decizjoni li ma tiggeddidx a favur ir-Rikorrent il-licenza ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a)(i) u (b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) ir-Rikorrent kien instab hati li kkorrompa persuna taht l-età, liema reat huwa kkunsidrat bhala reat ta' natura gravi a tenur ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghti lill-Kummissarju tal-Pulizija l-ebda diskrezzjoni izda jimponi fuqu obbligu li jirrifjuta l-hrug jew it-tigdid ta' licenza jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taht is-subartikoli (i) sa' (vi) ta' l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta; (iv) fid-dawl tan-natura tar-reat imwettaq mir-Rikorrent u li tieghu nstab hati, ma huwiex fl-interess pubbliku li tinhareg a favur ir-Rikorrent licenza ghal Gwardjan Privat in kwantu l-istess Rikorrent ma huwiex persuna idoneja ghal tali kariga partikolarment billi wara li tinhareg il-licenza l-Kummissarju ma ghandu l-ebda kontroll fejn se jintbaghat jahdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet isib ruhu; (v) f'dan l-istadju huwa ghal kollox irrelevanti jekk ir-Rikorrent jaqbilx o meno mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew dik moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Li huwa relevanti huwa li nonostante li kien hemm temperament fil-piena, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali xorta sabitu hati tar-reat; (vi) b'referenza ghat-tieni talba tar-Rikorrent, it-Tribunal ma jistax igedded jew jaghti l-licenza ta' Gwardjan Privat peress illi l-kompetenza tieghu hija purament wahda ta' revizjoni ta' decizjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter decizjonali li ghandhom l-awtoritajiet pubblici.

L-Artikolu 10(a)(i) u (b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, a bazi ta' liema provvedimenti giet michuda t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat, jipprovdu li: *Il-Kummissarju ghandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull wahda mic-cirkostanzi li gejjin: (a) meta l-applikant jew xi ufficjal ta' l-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant – (i) tkun instabet hatja f'Malta jew x'imkien iehor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' omicidju volontarju jew ta' offiza gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeccedi elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiducja pubblika jew ta' xi delitt gravi iehor. ... (b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-licenza.*

Mill-provi prodotti jirrizulta li r-raguni principali in bazi ghal liema t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat giet michuda hija li b'sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Settembru 2014 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Jason Navarro"[8], l-istess Rikorrent gie ikkonfermat hati talli b'eghmil zieni ikkorrompa lil ibnu minuri, li fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kellu erba' snin, taht dak li hemm provdut fl-Artikolu 203A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. It-Tribunal qed jghid li r-Rikorrent gie **ikkonfermat** hati ta' tali reat ghar-raguni li nonostante l-appell tieghu mis-sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali pronuncjata fil-15 ta' Marzu 2013, fejn appuntu instab hati tar-reat imsemmi u gie kkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin b'effett mid-data tas-sentenza, il-htija tieghu ghall-kummissjoni tar-reat in kwistjoni giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell izda kien hemm temperament fil-piena imposta fuqu. Il-fatt li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet tal-fehma li kellha tigi imposta piena iktar miti fuq ir-Rikorrent, ma jnaqqas assolutament xejn mill-fatt li huwa effettivament **instab hati tar-reat ta' istigazzjoni ta' korruzzjoni ta' tfal ta' taht l-età, senjatament ta' ibnu li fiz-zmien tat-twettiq tar-reat kellu erba' snin, kontemplat fl-Artikolu 203A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Huwa dan il-fatt li huwa ta' importanza fondamentali fil-kaz in ezami, importanza li però qed tigi ghal kollox injorata mir-Rikorrent.

Dan il-fatt huwa ferm fondamentali fil-kaz in ezami ghall-fatt li a tenur ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, hawn iktar 'l fuq citat, il-Kummissarju tal-Pulizija **ghandu** jirrifjuta applikazzjoni ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardan Privat jekk jirrizulta li l-applikant ikun instab hati ta' *inter alia* delitt gravi iehor. Minn dan il-provvediment tal-Ligi huwa evidenti li l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija f'tali cirkostanza huwa limitat hafna ghaliex huwa biss fid-determinazzjoni ta' x'jikkostitwixxi delitt gravi li l-istess Kummissarju jista' jezercità tali diskrezzjoni. In verità fil-kaz in ezami ftit li xejn jista' jinghad li hemm element ta' soggettività fid-determinazzjoni ta' jekk ir-reat kontemplat fl-Artikolu 203A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jikkostitwixxix delitt gravi o meno ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Oggettivament reat ta' istigazzjoni ta' korruzzjoni ta' tfal ta' taht l-età, li jaqa' taht id-delitti sesswali fl-ambitu tad-delitti li jattakkaw il-bon ordni tal-familji, iktar u iktar meta hemm l-aggravanti li l-vittma fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kellu biss erba' snin u addirittura huwa bin ir-Rikorrent, ma jistghax ghajr li jitqies li huwa delitt gravi ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'hekk f'tali cirkostanza t-Tribunal iqis li l-Kummissarju tal-Pulizija gustament wasal ghall-konkluzzjoni li r-reat li tieghu gie misjub hati r-Rikorrent huwa delitt gravi iehor ai termini ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta u ghadda – kif del resto ma kellu ebda ghazla ohra li jaghmel – biex jichad it-talba tar-Rikorrent ghall-hrug favur tieghu ta' licenza ta' Gwardjan Privat.

---

[8] Dok. "JF2" a fol. 72 sa' 80 tal-process.

Strettament raggunta din il-konkluzjoni t-Tribunal jista' jieqaf hawn ghaliex a bazi ta' tali raguni **biss** il-Kummissarju tal-Pulizija kien korrett u gustifikat f'li ma jilqax it-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat. Detto ciò, ladarba t-talba giet michuda **anke** a bazi ta' l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ihossu fid-dmir li jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Kif già iktar 'l fuq osservat, l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta huwa bbazat fuq il-principju ta' l-interess pubbliku, principju dan li ghandu jigi strettament tutelat mhux biss mill-Kummissarju tal-Pulizija hu u jikkonsidra l-applikazzjonijiet li jisrulu taht il-provvedimenti tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta izda anke minn dan it-Tribunal fl-ezercizzju ta' revizjoni tad-decizjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fil-kaz in ezami t-Tribunal iqis li bl-atteggjament tieghu vis-à-vis ir-reat minnu mwettaq u li tieghu nstab hati kemm bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu 2013 kif ukoll bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-30 ta' Settembru 2014, ir-Rikorrent qed juri bl-iktar mod car u lampanti li ma huwiex persuna idoenja biex ikollu f'ismu licenza ta' Gwardjan Privat u konsegwentement ghalhekk li ma huwiex fl-interess pubbliku li tali licenza tinhareg a favur tieghu.

L-idonejtà fi hdan is-socjetà ta' persuna li setghet zbaljat f'hajjitha ma tittkellix biss bil-metru ta' kemm wiehed jattendi korsijiet ta' tahrig jew ta' kemm seta' kien sodisfatt bl-operat tieghu min kien ihaddmu fil-passat, izda titkejjel ukoll, jekk mhux addirittura principalment u l-ewwel qabel kollox fuq il-fatt li dik il-persuna **tirrikonoxxi** li zbaljat u **turi rimors** ghal dak l-izball imwettaq minnha, elementi dawn li assolutament ma jirrizultawx fl-atteggjament u komportament tar-Rikorrent.

Mill-affidavit tar-Rikorrent, mix-xhieda tieghu in kontro-ezami u minn provi u xhieda ohra prodotti minnu jirrizulta b'mod car li nonostante l-import tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu 2013 u tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-30 ta' Settembru 2013 fir-rigward ta' htija ghar-reat addebitat lilu, ir-Rikorrent ghadu mhux biss ma jridx jirrikonoxxi u jaccetta li huwa wettaq reat ta' istigazzjoni ghall-koruzzjoni ta' tfal ta' taht l-età, dirett tali reat fil-konfront ta' ibnu minuri ta' erba' snin, talli ma juri l-ebda forma ta' rimors ghal dak li gara u addirittura jimminimizza l-akkadut u jikkontendi li huwa hu l-vittma tas-sitwazzjoni billi jixhet ir-responsabilità ghal dak li gara u ghall-problemi li gabu fuqu b'idejh fuq terzi persuni, senjatament fuq l-ex-mara tieghu.

Fil-fehma tat-Tribunal l-atteggjament tar-Rikorrent fir-rigward ta' dak li gara huwa mhux biss inspejgabbli imma addirittura inaccettabbli. Kienu x'kienu l-problemi li seta' kien hemm bejn ir-Rikorrent u l-ex-mara tieghu u kienet x'kienet l-attitudini ta' l-ex-mara fil-konfront tieghu, bl-ebda mod ma jiggustifika jew jaghti sembjanza ta' normalità lill-komportament tar-Rikorrent quddiem ibnu u certament ma huwiex ir-Rikorrent li huwa l-vittma ta' dak li gara imma se mai ibnu li fiz-zmien in kwistjoni kellu biss it-tenera età ta' erba' snin.

Ghalkemm ir-Rikorrent jishaq hafna fuq l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet ta' dan it-Tribunal fis-sentenza fl-ismijiet "Edward Cernigliaro v. Kummissarju tal-Pulizija" Rik. Nru. 35/14 deciza fit-13 ta' Novembru 2014 u konfermat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Frar 2017, jigi osservat li konsiderazzjoni centrali tat-Tribunal f'dak il-kaz kienet li *huwa veru li r-rikorrenti, f'età ferm izghar u cioè meta kellu minn tmintax sa' wiehed u ghoxrin sena, kien ikkommetta r-reati elenkati aktar 'il fuq, però t-Tribunal ihoss li ghadda bizzejjed zmien biex ir-rikorrent jinghata cans, wara dan iz-zmien kollu, "to prove himself". Illi r-rikorrent jidher determinat li jmexxi hajtu 'l quddiem, **filwaqt li gharaf li dak li ghamel fil-passat kien zbaljat**[9]***, rikonoxximent dan li, jigi ribadit, ma gie fl-ebda hin espress mir-Rikorrent li invece, kif già osservat, ipprova jpingi lilu nnifsu bhala l-vittma tas-sitwazzjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li l-Kummissarju tal-Pulizija kien korrett u gustifikat f'li jichad it-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat anke in bazi ghall-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 11 ta' Jannar 2016 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija decizjoni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

---

[9] Enfasi tat-Tribunal.